**Emenda 14**
**Cornelis de Jong, Jean-Luc Mélenchon, Bairbre de Brún**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0523/2011**
**PPE, S&D, ALDE, ECR, Verts/ALE, GUE/NGL**
Id-drittijiet tal-bniedem, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru fin-Nazzjonijiet Uniti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 10. Jitlob lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex bi sħab ma' pajjiżi terzi jkomplu jippromwovu *id-drittijiet* tal-bniedem relatati mal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru permezz ta' djalogi bilaterali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR); | 10. Jitlob lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex bi sħab ma' pajjiżi terzi jkomplu jippromwovu *d-drittijiet* tal-bniedem relatati mal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru permezz ta' djalogi bilaterali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) ***u strumenti finanzjarji esterni oħra***; |

Or. en

26.9.2011 B7-0523/15

**Emenda 15**
**Cornelis de Jong, Jean-Luc Mélenchon, Bairbre de Brún**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0523/2011**
**PPE, S&D, ALDE, ECR, Verts/ALE, GUE/NGL**
Id-drittijiet tal-bniedem, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru fin-Nazzjonijiet Uniti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jiddispjaċih li d-drittijiet tal-persuni leżbjani, gej, bisesswali u *transesswali* għadhom mhumiex qed jiġu rispettati bis-sħiħ fl-Unjoni Ewropea, fosthom id-dritt tal-integrità fiżika, id-dritt tal-ħajja privata u tal-familja, id-dritt tal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni, id-dritt tal-libertà tal-għaqda, id-dritt tan-nondiskriminazzjoni, id-dritt tal-libertà tal-moviment u d-dritt għall-asil; | 11. Jiddispjaċih li d-drittijiet tal-persuni leżbjani, gej, bisesswali u *trans* għadhom mhumiex qed jiġu rispettati bis-sħiħ fl-Unjoni Ewropea, fosthom id-dritt tal-integrità fiżika, id-dritt tal-ħajja privata u tal-familja, id-dritt tal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni, id-dritt tal-libertà tal-għaqda, id-dritt tan-nondiskriminazzjoni, id-dritt tal-libertà tal-moviment***, id-dritt ta' aċċess għal kura tas-saħħa preventiva, id-dritt għal trattament mediku*** u d-dritt għall-asil; |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 16**
**Cornelis de Jong, Jean-Luc Mélenchon, Bairbre de Brún**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni B7-0523/2011**
**PPE, S&D, ALDE, ECR, Verts/ALE, GUE/NGL**
Id-drittijiet tal-bniedem, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru fin-Nazzjonijiet Uniti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 11. Jiddispjaċih li d-drittijiet tal-persuni leżbjani, gej, bisesswali u *transesswali* għadhom mhumiex qed jiġu rispettati bis-sħiħ fl-Unjoni Ewropea, fosthom id-dritt tal-integrità fiżika, id-dritt tal-ħajja privata u tal-familja, id-dritt tal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni, id-dritt tal-libertà tal-għaqda, id-dritt tan-nondiskriminazzjoni, id-dritt tal-libertà tal-moviment u d-dritt għall-asil; | 11. Jiddispjaċih li d-drittijiet tal-persuni leżbjani, gej, bisesswali u *trans* għadhom mhumiex qed jiġu rispettati bis-sħiħ fl-Unjoni Ewropea, fosthom id-dritt tal-integrità fiżika, id-dritt tal-ħajja privata u tal-familja, id-dritt tal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni, id-dritt tal-libertà tal-għaqda, id-dritt tan-nondiskriminazzjoni, id-dritt tal-libertà tal-moviment***, inkluż id-dritt ta' moviment liberu għal koppji tal-istess sess u l-familji tagħhom*** u d-dritt għall-asil; |

Or. en


Magħquda fid-diversità

26.9.2011 B7-0523/17

**Emenda 17**
**Cornelis de Jong, Jean-Luc Mélenchon, Bairbre de Brún, Willy Meyer**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0523/2011**
**PPE, S&D, ALDE, ECR, Verts/ALE, GUE/NGL**
Id-drittijiet tal-bniedem, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru fin-Nazzjonijiet Uniti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***13a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa biex ineħħu d-diżordnijiet tal-identità tal-ġeneru mil-lista ta' diżordnijiet mentali u tal-imġiba, u biex jiżguraw riklassifikazzjoni li ma tqishomx bħala patoloġiji fin-negozjati dwar il-ħdax-il verżjoni tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard (ICD-11);*** |

Or. en